**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Orrubru 2024**

Rikors Numru: 407/24 AL

A B C

u

D sive D C

(M.R. Numru 2682/2021)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors konġunt tar-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi huma żżewġu f'Malta nhar is-sitta u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (26.12.2021) ġewwa Pjazza f'Tal-Ħlas, Qormi, Malta (Dok. A);

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.

3. Illi huma nfirdu permezz ta' att pubbliku fl-atti tan-Nutar Charmaine Bonnici nhar il-ħdax ta' Settembru tas sena elfejn u tlieta u għoxrin (11.09.2023) u l-firda tagħhom għalhekk giet regolata b'dan il-kuntratt (Dok. B);
4. Illi huma ilhom ma jgħixu flimkien għal aktar minn sena, u li fis-sena elfejn u tlieta u għoxrin huma ma ghixux flimkien ghal perjodu li jammonta aktar minn sitt xhur;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli għal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi huma diga kienu rrinunzjaw għad-dritt tagħhom li jesigu manteniment mingħand xulxin u dan bis-saħħa tal-kuntratt ta' firda tagħhom hawn fuq imsemmi;
7. Illi l-esponenti huma cittadini Maltin u t-tnejn huma domiciljati Malta.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. TIPPRONUNZJA l-ħall taż-żwieġ tal-kontendenti, liema żwieġ seħħ is-sitta u għoxrin ta' Diċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (26.12.2021);
2. TORDNA lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex, fiż-żmien prefiss għaldaqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal- partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta’ Awwissu, 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-11 ta' Settembru 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.